MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 134/2007

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-26 ta’ Marzu, 2007 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett u bil-ġurament ikkonferma:

A. DIKJARAZZJONI TAL-FATTI

1. Illi l-kontendenti żżewġu fid-29 ta’ Ġunju, 1997, skond kif jidher miċ-Ċertifikat taż-Żwieġ tagħhom illi kopja tiegħu qegħda tiġi annessa ma’ dan ir-rikors u esebita u mmarkata bħala Dok. A, u sseparaw

bonarjament permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-Atti tan-Nutar Naomi Mugliette fit-13 ta' Ottubru, 2005, u dan kif jidher mill-kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni personali, li qegħda tiġi annessa ma' dan ir-rikors, u esebita u mmarkata bħala Dok. B. Minn din l-unjoni, twieldu żewġt itfal, it-tnejn minorenni;

2. Illi l-attur beda joħroġ mal-konvenuta meta kellu għoxrin sena, u dan fuq suġġeriment ta' missier l-istess konvenuta, illi kien ħabib tal-familja. Dak iż-żmien, l-attur kien għadu kemm spiċċa relazzjoni oħra, u tant kien inqata' minn ma' sħabu minħabba din ir-relazzjoni, illi ma kellux ma' min joħroġ. Kien għalhekk illi missier il-konvenuta kien ħajjar lill-attur jibda joħroġ ma' bintu, sabiex b'hekk ikollu kumpanija;

3. Illi għalhekk l-attur u l-konvenuta bdew joħorġu flimkien, u f'temp ta' biss tliet ġimgħat, kienu qed iqisu r-relazzjoni tagħhom bħala għerusija;

4. Illi l-attur kien tifel uniku, u ma tantx kien jitħallat ma' tfal oħra. Huwa kien iqatta' ħafna ħin waħdu d-dar jew inkella ma' ommu, illi kellha karattru dominanti u kritiku ħafna, u kienet timmonopolizzah kompletament. Fil-fatt, tul tfulitu u żogħżitu, l-attur kien imdorri li jbaxxi rasu għar-rieda ta' ħaddieħor, u konsegwentement huwa qatt ma żviluppa l-kapaċita' li jinterpreta l-emozzjonijiet u r-rieda tiegħu, u tul ħajtu ħa deċiżjonijiet ibbażati fuq fatturi esterni, u mhux fuq ir-rieda libera tiegħu;

5. Illi l-attur iddeċieda li jiżżewweġ lill-konvenuta, mhux għax kien iħoss illi jħobbha, iżda għaliex il-fatturi esterni u soċjali li huwa dejjem uża bħala l-unika gwida fil-ġudizzju tiegħu, kienu jiddettawlu li kien wasal iż-żmien illi jiżżewweġ, u għalhekk kellu jiżżewweġ lill-konvenuta li kienet ġejja minn familja ta' reputazzjoni tajba. Għall-attur, id-deċiżjoni li jiżżewweġ lill-konvenuta ma kinitx motivata minn emozzjonijiet interni, iżda mill-ġudizzju soċjali u speċjalment, mill-ġudizzju tal-familjari tal-partijiet u minn biża' kbir illi ġaladarba din kienet it-tielet għarusa tiegħu, u issa kien qiegħed jikber u wasal f'eta' meta ħafna jkunu żżewġu, kieku ħassar minn mal-konvenuta, kien ser

jispiċċa ma jsib lil ħadd li jiżżewġu. Għall-attur, dan kien ikun ifisser illi huwa kien ser ikun differenti minn ħaddieħor, u jisfa' mhux aċċettat, u meqjus bħala falliment kemm f'għajnejn il-familja tiegħu u kemm f'għajnejn is-soċjeta', peress illi s-soċjeta' tippretendi li bniedem normali jiżżewweġ, u effettivament tiddetta li jekk ġuvni ma jkunx omosesswali, jew għal xi raġuni jew oħra mhux tajjeb għaż-żwieġ, meta jkun ħa l-istat tiegħu fuq il-post tax-xogħol, huwa għandu jiżżewweġ u jkollu familja;

6. Illi minbarra l-inkapaċita' emozzjonali kif hawn fuq spjegata, u minħabba l-biża' li jkun differenti minn ħaddieħor, fiż-żmien meta huwa ta l-kunsens tiegħu għaż-żwieġ, l-istess attur kien ibati minn anomalija psikoloġika konsistenti f'"*avoidant and dependent personality*", illi twassal lill-individwu li jżomm lura milli jagħti ruħu verament lill-parti l-oħra fiż-żwieġ, minħabba l-biża' li jiġi kkritikat, riġettat, jew abbandunat, u għalhekk l-istint ta' individwu b'din it-tip ta' anomalija psikoloġika huwa li joqgħod kwiet u jissokkombi, sabiex il-persuna l-oħra ma titilqux;

7. Illi l-inkapaċita' emozzjonali ta' l-attur u l-biża' tiegħu li huwa jara lilu nnifsu bħala differenti minn ħaddieħor, jew li ħaddieħor jarah differenti min-normal, immanifestaw irwieħhom ukoll waqt iż-żwieġ, tant illi meta l-attur kellu jiddeċiedi jekk riedx jibqa' familja mal-konvenuta, huwa għamel dan fuq il-bażi tal-ġudizzju tas-soċjeta' u l-kriterji soċjali – u *cioe'* l-attur kien dehrlu li l-partijiet kienu ilhom biżżejjed żmien miżżewġin, u allura, bħal ma kien mistenni u kien normali li jagħmlu, kien ikun tajjeb jekk ikollhom it-tfal;

8. Illi l-attur kien jobdi meta kien tifel u kompla jobdi meta sar adult, u dan proprju minħabba l-anomalija psikoloġika serja, konsistenti f'"*avoidant and dependent personality*" naxxenti mill-inkapaċita' tiegħu li jifhem l-emozzjonijiet tiegħu u l-biża' tiegħu li ma jkunx bħal ħaddieħor – jiġifieri 'normali';

9. Illi fil-fatt, minbarra l-inkapaċita' tiegħu li jifhem l-emozzjonijiet u r-rieda tiegħu, l-attur kien ibati wkoll minn

inkapaċita' li jinduna u jifhem x'kienu qegħdin iħossu dawk ta' madwaru, biex b'hekk, effettivament huwa qatt ma kien jinduna li bl-għemil tiegħu qabel u waqt iż-żwieġ, kien qiegħed iweġġa' kemm lill-konvenuta, u kien qiegħed ukoll jonqos lil uliedu bħala missier. L-attur kien jittraskura lill-konvenuta u jippreferi jaħdem milli joqgħod magħha;

10. Illi l-aġir ta' l-attur, kif naxxenti mill-karattru tiegħu dominat mill-anomalija psikoloġika li l-attur kien isofri minnha, wassal għat-tifrik taż-żwieġ bejn il-kontendenti;

11. Illi fl-istess żmien, l-attur beda jħossu mdejjaq ħafna b'ħajtu, kjarament għaliex qatt ma kien għamel għażliet liberi, jew għażliet dettati mill-qalb, u għalhekk huwa kien fittex l-għajnuna ta' psikjatri u psikoterapisti sabiex jipprova jifhem għaliex kien qiegħed iħossu depress meta oġġettivament ħajtu kienet tidher normali. Kien proprju bis-saħħa tat-terapija li segwa, illi l-attur skopra li huwa kien ibati minn din l-anomalija psikoloġika fil-personalita' tiegħu;

12. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza ta' l-attur.

B. RAĠUNI GĦAT-TALBIET F'DAWN IL-PROĊEDURI

13. Illi l-preżenti proċeduri qegħdin isiru sabiex iż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti fid-29 ta' Ġunju, 1997 jiġi ddikjarat null u bla effett skond il-Liġi, għar-raġunijiet fuq premessi, u senjatament *stante* illi l-kunsens ta' l-attur inkiseb b'biża' *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(a) ta' l-Att Dwar iż-Żwieġ;

14. Illi *in oltre*, iż-żwieġ tal-kontendenti huwa null u bla effett fil-Liġi *stante* li l-kunsens tal-partijiet, u ċertament dak ta' l-attur, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li għamlitha impossibbli għall-istess attur illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(d) ta' l-Att Dwar iż-Żwieġ;

15. Illi ulterjorment, iż-żwieġ tal-kontendenti huwa null u bla effett fil-Liġi, għall-fini ta' l-Artikolu 19(1)(f) ta' l-Att Dwar iż-Żwieġ, *stante* illi l-kunsens tal-partijiet, jew min minnhom, ingħata bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

C. TALBIET ATTRIĊI

Għaldaqstant l-attur, in vista ta' dak kollu fuq premess, jitlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti nhar fid-29 ta' Ġunju, 1997 huwa null u bla effett fil-Liġi għall-fini tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 19(1)(a), (d), u (f) ta' l-Att Dwar iż-Żwieġ.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata, ippreżentata fl-24 ta' Mejju, 2007, li permezz tagħha l-konvenuta esponiet bir-rispett u bil-ġurament ikkonfermat:

1. Illi hija ma taqbilx mat-talbiet u premessi ta' l-attur, *stante* li hija tikkontendi li ż-żwieġ ta' bejnha u bejn żewġha l-attur kien wieħed validu fit-termini tal-liġi. Illi tant kien validu dan iż-żwieġ li mill-għaqda ta' bejniethom il-konjuġi kellhom żewġt itfal.

2. Salv risposti oħra.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits tal-partijiet u ta' ohrajn.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Jannar, 2008 illi permezz tiegħu l-konvenuta kkjarifikat li taqbel li ż-żwieġ huwa null għal raġunijiet differenti minn dawk avvanzati mill-attur u wkoll illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fis-sena 1997 a bażi ta’ l-Artiklu 19(1) (a), (d) u (f) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta. Il-konvenuta fil-verbal imsemmi qablet mat-talba ghar-ragunijiet differenti minn dawk proposti mill-attur, iżda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; “*F’materja ta’ żwieġ illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b’hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabbilta’ ta’ xi kolliżjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta’ żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero’ dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta’ dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju.*” (<u>Anna Tonna vs Alexander Tonna</u> deċiża mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991).

L-artikli ċitati mill-attur jirrigwardaw:

19 (1) (a) – illi l-kunsens tiegħu nkiseb bil-biża’;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b’anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta’ xi parti ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;

Mill-provi mressqa mill-attur jidher li huwa trabba f’ambjent protett ħafna u allura meta ltaqa’ mal-konvenuta u beda joħroġ magħha kienet l-ewwel esperjenza tiegħu f’relazzjoni. Skond hu, baqa’ joqgħod fuq dak li tgħidlu ommu u żżewweġ lill-konvenuta fuq insistenza ta’ l-istess ommu.

Naturalment dwar x’ġara wara ż-żwieġ, dan hu mmaterjali għall-kawża ħlief biex jitfa’ dawl fuq l-istat ta’ fatt ta’ qabel iż-żwieġ, u dan għandu jiġi valutat fl-isfond tas-sentenzi li ser jiġu ċitati, pero’ l-Qorti tħoss li t-talba attriċi hija ġustifikata. Kif qalet il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawża <u>Joseph Zammit vs Bernardette Zammit</u> (27 ta’ Jannar, 2006);

“*Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe’ li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta’ l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe’ li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

*Is-sub-inċiż (d) fuq imsemmi jsemmi wkoll li ż-żwieġ ikun null jekk ikun affettwat b’anomalija psikoloġika serja u tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-żwieġ. Ta’ min jenfasizza hawn li l-liġi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikoloġika tkun tali li tagħmilha impossibbli u mhux sempliċement diffiċli li wieħed jaqdi l-obbligazzjonijet essenzjali taz-żwieġ jew inkella li jassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali taz-żwieġ.*

*Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-sub-inċiż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieġ li jiġi provat sodisfaċentement li ż-żewġ partijiet jew waħda minnhom fil-mument ta’ l-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieġ innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew id-dritt għall-att taż-*

*żwieġ u din l-esklużjoni tkun saret b'att pożittiv tal-volonta' ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-disposizzjoni tirraviża sitwazzjoni ta' simulazzjoni u għandu jiġi enfasizzat li nullita' ta' żwieġ bażata fuq il-kawżali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita' ta' żwieġ minħabba nuqqas ta' esklużjoni ta' ġudizzju. L-inkompatibbilta' bejn dawn iż-żewġ kawżali toħroġ mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju timplika inkapaċita' li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieġ li jkun hemm tali kapaċita' intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta' li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali. "*

Fil-kawża Nicholas Agius vs Rita Agius (25 ta' Mejju, 1995); "*B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita'; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ.*" F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi Angela Spiteri vs Joseph Spiteri (4 ta' Novembru, 1994), Robert Attard vs Josephine Attard (18 ta' Ottubru, 1995) u Janet Portelli vs Victor Portelli (14 ta' Awissu, 1995).

Fil-kawża fl-ismijiet Mario Mizzi vs Maris Mizzi (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti tal-Appell ukoll qalet li; "*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju irid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi interni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.*"

Fil-każ odjern il-Qorti ssib li anke f'dawn il-parametri t-talba għall-annullament hija ġustifikata għaliex kien jeżisti difett serju ta' diskrezzjoni da parti ta' l-attur. L-attur fittex ħafna pariri ta' psikologi għaliex kien iħossu mdejjaq, u

dawn kollha qalulu li kien minabba li kien imdejjaq fiż-żwieġ. Jidher ċar għall-Qorti li għandha raġun il-konvenuta tgħid li ż-żwieġ huwa annullabbli għal raġunijiet imputabbli lill-attur.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ ċelebrat bejn il-partijiet fid-29 ta' Ġunju, 1997. L-ispejjeż ikunu a kariku ta' l-attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------